**31 ta' Mejju, 1991**

**Imħallef:-**

**Onor. Godwin Muscat Azzopardi B.A. LL.D.**

Il-Pulizija
*versus*
Hector Carbonaro

**Preskrizzjoni - Notifika - Assenza minn Malta - Interruzzjoni - Appell - Interpretazzjoni Żbaljata tal-Liġi - Ammissjoni.**

*Il-prekrizzjoni tinkiser anke jekk l-akkużat ma jiġix notifikat bl-att li jinterrompiha għax ikun telaq minn Malta.*

Il-Qorti:- Illi b'ċitazzjoni tal-5 ta' Novembru 1980 Hector Carbonaro ġie akkużat quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana talli fl-14 ta' Frar 1980 meta kien sejjer isiefer minn dawn il-Gżejjer instab li kellu fil-pussess tiegħu ammont ta' flus - 1.900,00 liri taljani u 99 US $ (li jammontaw għal Lm804.74,3), liema ammont ta' flus kien aktar mil-limiti ta' flus li hu intitolat li jesporta, bi ksur ta' l-artikolu 11 tat-Taqsima IV ta' l-*Exchange Control Act*, 1972 u bi ksur tal-artikolu 60 (f) (g) ta' l-artikolu 61 (1) ta' l-Ordinanza tad-Dwana, Kap. 37 ta' l-Edizzjoni Riveduta;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta tat-23 ta' Jannar 1989 li biha ddeċidit il-kawża billi iddikjarat l-azzjoni kontra l-imputat *preskritta* u

lliberatu minn kull imputazzjoni u ħtija;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-Avukat Ġenerali li bih talab li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza tal-23 ta' Jannar 1989 tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta fil-kawża fl-ismijiet premessi billi tiddikjara li l-azzjoni kontra l-imputat ma hix preskritta u *in vista* ta' l-ammissjoni ta' l-imputat issibu ħati ta' l-akkużi kontra tiegħu u tgħaddi biex tinfliġġi l-piena skond il-liġi;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni relativa;

Ikkunsidrat;

Illi dan l-appell huwa bażat fuq sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati li ssollevat il-kwistjoni tal-preskrizzjoni *ex ufficio* meta l-appellat kien ammetta l-akkużi dedotti kontra tiegħu;

Tali akkużi jirrigwardaw ksur tal-liġi dwar il-kambju u tal-kapitolu 37 dwar id-Dwana fuq esportazzjoni ta' flus;

Jidher illi wara li l-akkużat ammetta l-akkuża, l-Qorti ssollevat tali eċċezzjoni u lliberat lill-appellat billi waslet għal konklużjoni li l-azzjoni kienet preskritta meta l-appellat ma kienx ġie notifikat b'xi att ġudizzjarju għal perijodu ta' almenu 5 snin li matulhom l-akkużat kien ilu msiefer minn dawn il-Gżejjer;

Il-Qorti tal-Maġistrati irritjeniet, di fatti li l-artikolu 693 (1) japplika għal każ. Dan is-subinċiż jitkellem dwar il-ksur tal-

preskrizzjoni b'kull att li jiġi notifikat lill-imputat jew akkużat;

Il-Qorti tal-Maġistrati ddeċidit li dan japplika wkoll meta l-akkużat ikun msiefer jew assenti u ċċitat żewġ sentenzi in sostenn ta' tali fehma;

L-Avukat Ġenerali appella minn tali sentenza fuq bażi ta' interpretazzjoni żbaljata tal-liġi;

Din il-Qorti kkunsidrat:

Illi kif tajjeb osserva l-appellant, il-Qorti tal-Maġistrati jidher illi njorat għal kollox is-subinċiż (2) ta' l-istess artikolu, li jitkellem dwar l-assenza tal-akkużat;

Iż-żmien tal-preskrizzjoni jinkiser ukoll bil-mandat tal-arrest jew, jekk ma jkunx hemm lok għall-arrest, biċ-ċitazzjoni, għalkemm il-mandat ta' arrest jew iċ-ċitazzjoni jkunu baqgħu bla effett minħabba li l-imputat jew akkużat jinħeba jew jitlaq minn Malta;

Is-sentenzi ċitati ma japplikawx għall-każ in eżami, billi l-ewwel waħda, **Caterina Tabone di Vincenzo *vs* Caterina Tabone di Giuseppe,** deċiża fit-13 ta' Novembru 1920 (Vol. XXIV pt.iv pg.983), għalkemm id-diċitura tagħha mhix feliċi, jidher illi tapplika għal kaz fejn kien hemm rinunzja tal-azzjoni kriminali diġà, waqt illi t-tieni waħda, **Pulizija *vs* Mikiel Anġ Portelli** (Vol.XXXIX pag.1049), il-Qorti jidher li kienet qegħda tiddistingwi bejn notifika verbali ta' riappuntament u waħda formali u l-Qorti sostniet li kienet in-notifika formali li tinterrompi l-preskrizzjoni;

Dak li ġara fil-kaz in eżami, però, jidher li dan kien proprju li fil-5 ta' Novembru 1980 ħarġet iċ-ċitazzjoni li ppromwoviet l-azzjoni. Saru diversi tentattivi biex appellat jiġi notifikat iżda dan ma sarx billi l-akkużat appellat kien telaq minn Malta. Fil-1987 l-appellat ġie notifikat;

Sussegwentament l-akkużat reġa' siefer u mandat ta' akkompanjament ma setax jiġi esegwit, u finalment l-akkużat deher fis-seduta tat-18 ta' Jannar 1989 u ammetta t-talba;

Japplika ċertament is-subinċiz 2 tal-artikolu 693 billi sar it-tentattiv tan-notifika u l-appellant kien imsiefer;

Għalhekk din il-Qorti qegħda tannula s-sentenza appellata u ser tgħaddi biex tiddeċidi l-kawża hi stess;

L-appellant ammetta l-akkuża dedotta....

Il-Qorti rat l-artikolu 11 tal-Att dwar il-Kambju u l-artikoli 60 u 62 tal-Kap.37. Rat illi ma tirriżultax il-fedina penali ta' l-appellat. Tikkundanna lill-appellat għal multa ta' Lm1609.48 u multa ta' Lm25 u tordna l-konfiska ta' l-oġġetti elevati.